Nru. 334

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni Artikolu 47 ta' l-Att ta'l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:—

Pax and Alhambra, Triq Rodolfu, Sliema

(ara l-pjanta f'paġna 2603) jistgħu jkunu ta' valur storiku hekk li għandhom jkunu inklużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetajiet imsemmija jinsabu fil-periklu li jiġu demoliti, danneġġati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-Proprjetajiet msemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetajiet murija fil-pjanta mehmuża għandhom jitqiesu bħala bini ta' Grad 1, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba il-valur storiku u arkitettoniku tagħhom.

(ii) Ma jistgħux isiru xogħlijiet jew alterazzjonijiet f'ebda parti tal-bini u/jew il-ġonna tagħhom.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetajiet msemmija, li jista' jkunu permessi, għandu jiġi approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetajiet jiġu domoliti jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-19 ta' Mejju, 1995

No. 334

PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order Section 47 of the Development Planning, Act 1992

THE Planning Authority believes that the following properties, namely:—

Pax and Alhambra, Rudolph Street, Sliema

(see site plan on page 2603) could be of architectural and historical value such that they should be listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the properties are in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above properties in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The buildings are to be considered as Grade 1 properties as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of their value as historic buildings of outstanding architectural importance.


(ii) No internal or external alterations will be permitted to the buildings and/or their gardens.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above properties, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publiction of this order.

If the properties are demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

19th May, 1995


TRIQ TONNA
TRIQ BERESFORD
TRIQ RODOLFU
TRIQ BONAVITA
TRIQ IMRABAT
SQAQ IMRABAT
TRIQ MORIN
PAX & ALHAMBRA
Triq Rodolfu
Sliema
Part of S.S. 5474
scale 1:2500
N